# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1224/96 NA**

**Stephen Bonnici**

**vs**

**1. Michela Borda**

**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**3. L-Avukat Francesco Depasquale u l-P.L. Joanna Dingli li b'digriet tal-4 ta' Gunju 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw it-tarbija minorenni mgharufa bhala Ruby Gladys li weldet il-konvenuta fl-11 ta' April 1996; u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Awissu 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Darren DeDomenico li accetta l-Bandu b'nota tat-28 ta' Mejju 1998.**

**Denegata' Paternita' - Artikolu 70 (1) (b) tal-Kodici Civili - Korrezzjoni ta' Att ta' Twelid - Artikolu 254 tal-Kodici Civili.**

**Il-Qorti laqghet l-ewwel talba peress illi rrizultalha illi fiz-zmien imsemmi fl-Artikolu 70 (1) (a) tal-Kodici Civili l-konvenuta kienet *de facto* sseparata mill-attur u ma kenitx irrikonciljat mieghu anke temporanjament.**

**Ma setghetx pero' tghaddi biex tilqa' t-tieni talba mhux biss peress illi kien jonqos in-notifika tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pero' wkoll ghax ma kenitx saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern imsemmija fl-Artikolu 254 tal-Kodici Civili.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-16 ta' April 1996 fejn ippremetta:

"Illi fl-1 ta' Gunju 1985 l-attur kien izzewweg lill-konvenuta Michela nee' Borda u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal Jade u Zach;

Illi wara ftit ta' zmien flimkien ir-relazzjonijiet ta' bejniethom bdew jiddettitjoraw tant illi f'Novembru 1989 il-konjugi Bonnici ddecidew li jisseparaw minn xulxin, u ghalhekk l-attur mar joqghod wahdu f'post iehor - ftit ta' gimghat ilu l-konjugi Bonnici ffirmaw l-Att tas-Separazzjoni personali quddiem in-Nutar Peter Fleri Soler;

Illi recentement l-attur sar jaf illi l-konvenuta kienet weldet tarbija fil-11 ta' April 1996.  F'avviz li deher fil-gurnali l-konvenuta annunzjat it-twieled ta' tarbija li hija semmiet bl-isem ta' "Ruby Gladys" u wkoll indikat kunjomha f'dan l-istess avviz bhala "De Domenico".  Dana kollu kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi din it-tarbija definittivament mhiex it-tarbija naturali ta' l-attur billi huwa kien separat *de facto* minn martu, il-konvenuta, u wkoll ghax lanqas ma kien qed ighix maghha;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-missier naturali ta' dik it-tarbija illi weldet l-istess konvenuta fil-11 ta' April 1996 mhiex ta' l-attur;

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li fir-registrazzjoni ta' l-Att tat-Twelid tat-Tarbija ndikata aktar 'il fuq, liema tarbija weldet il-konvenuta fil-11 ta' April 1996, u wkoll fl-Atti kollha sussegwenti u relattivi, isem u kunjom l-attur ma jitnizzlux bhala dak tal-missier tat-tarbija.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Ghal xi zmien il-process kien mitluf (ara verbali tat-22 ta' Jannar, 18 ta' Marzu, 29 ta' Mejju u 30 ta' Settembru 1997).

Il-minuri kienet fl-ewwel lok giet rapprezentata f'dawn il-proceduri permezz ta' kuraturi nominati b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-4 ta' Gunju 1998. Dan id-digriet pero' gie revokat u l-minuri giet rapprezentata minn Darren De Domenico, l-allegat missier naturali li kien accetta l-bandi.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Borda u De Domenico tal-4 ta' Settembru 1998 fejn eccepew illi:

1. “Illi l-attur ilu separat *de facto* minn ma' martu ghal disa' snin;

2. Illi huwa minnu li t-tarbija Ruby Gladys twieldet mir-relazzjoni bejn l-eccipjenti proprio;

3. Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi fl-1 ta' Mejju 1992, bejn l-eccipjenti twieldet tarbija ohra bl-isem ta' Sean Gavin, li fil-konfront taghha gie dikjarat ukoll li l-attur odjern mhux il-missier permezz ta' sentenza moghtija fis-7 ta' Frar 1996, mill-Onorabbli Qorti tal-Prim'Awla (Cit. Nru 645/92/FD), u li fil-konfront taghha sar kuntratt ta' gharfien mill-esponent Darin De Domenico;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-istess konvenuti tat-12 ta' Ottubru 1999 fejn gew esebiti diversi dokumenti fosthom il-kuntratt tas-separazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenuta Borda u sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-7 ta' Frar 1996 fejn talba simili maghmulha mill-attur odjern kienet giet proposta kontra l-konvenuta Borda wkoll fir-rigward ta' tifel minuri li kien gie ddikjarat il-wild naturali tal-konvenut De Domenico u mhux il-wild ta' l-attur bl-imsemmija sentenza.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1999 id-difensur ta' l-attur iddikjara li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza fuq il-provi

migbura. Aktar tard pero' d-difensur tal-konvenuti nforma lill-Qorti li kien ghad jonqos il-provi u kien b'dan l-iskop li l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Mariella Gonzi.

Hija zammet seduta fid-19 ta' Lulju 2000 fejn xehed l-attur. Huwa jsostni li t-tarbija Ruby Gladys li twieldet fil-11 ta' April 1996 zgur li ma kenitx tieghu. Fiz-zmien li twieldet din it-tarbija kien separat sew *de facto* sew *de iure* permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tas-7 ta' Dicembru 1995. Jirrizulta nfatti mis-sentenza li ghaliha saret riferenza kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess attur illi fiz-zmien imsemmi fl-Artikolu 70 (1) (a) tal-Kodici Civili huwa kien zgur separat *de facto* minn ma' martu u ma regax inghaqad maghha lanqas temporanjament. Japplika ghalhekk ghal dan il-kaz is-sub-inciz (b) ta' l-istess Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili.

Dawn il-fatti huma mhux biss ikkonfermati izda amplifikati fix-xhieda moghtija fl-Affidavits tal-konvenuti Borda u De Domenico li gewipprezentati b'nota tal-20 ta' Lulju 2000. Fil-fatt jirrizulta illi l-konvenuta Borda ilha *de facto* separata mill-attur sa mis-sena 1989 u sa minn Gunju tal-1990 bdiet tghix

mal-konvenut De Domenico. Hija qatt ma rrikonciljat ma' l-istess zewgha.

Dawn l-affidavits qatt ma gew notifikati lill-attur li ghalhekk lanqas ma kellu l-possibbilita' li jaghmel il-kontro-ezami taghhom. Dan in-nuqqas pero' huwa wiehed li jista' jigi injorat mill-Qorti sew in vista tax-xhieda moghtija mill-istess attur,sew in vista tad-dikjarazzjoni maghmulha mid-difensur tieghu fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1999 li ghaliha gia saret riferenza.

Mhux l-istess pero' jista' jinghad fir-rigward ta' nuqqasijiet ohra. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ma gie qatt notifikat. Di piu' t-tieni talba ma tistax tintlaqa' minghajr il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern maghmulha a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kodici Civili. Ma jirrizultax li din il-pubblikazzjoni qatt saret minkejja dak ivverbalizzat fis-seduta tal-4 ta' Novembru 1998, tal-5 ta' Marzu u 27 ta' Mejju 1999.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti dehrilha li kellha tiddeciedi din is-sentenza almenu fir-rigward ta' l-ewwel talba biex b'hekk ikun sar xi progress fir-rigward ta' kawza li ma messha qatt hadet dan it-tul. F'dan l-istadju pero' ma tistax, minhabba n-

nuqqasijiet fuq imsemmija, tiddeciedi t-tieni talba qabel ma dawn in-nuqqasijiet jigu korretti.

Il-kawza hija ghalhekk biss parzjalment deciza billi l-Qorti tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-missier naturali tat-tarbija msemmija fl-att tac-citazzjoni illi weldet il-konvenuta fil-11 ta' April 1996 mhijiex ta' l-attur.

L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.